**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Numru: 319 / 2019**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Zahra**

Illum, 10 ta' Novembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Zahra, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 293553 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-11 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta ta' 10.05 hrs gewwa Remissa Nru 40, Triq San Martin, Zurrieq:

1. Ikkommetta serq ta' 5 boroz tal-iskalora ta' valur ta' 10 Euro u Radio iswed ta' ditta Sony ta' valur 10 Euro ghad-dannu ta' Michael Briffa liema oggetti jiswew b'kollox liema serq huwa kwalifikat bhala serq semplici;
2. Ingurja, hedded b'mod mhux imsemmi band'ohra f'dan il-kodici jew jekk ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Michael u Anna Briffa miz-Zurrieq;

3. Minghajr ma jidrob jew isawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi ohra kontra Michael Briffa;

4. Kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (xafra) minghajr licenzja tal-kummissarju tal-Pulizja;

5. Akkuzat talli sar recidiv ghat-terminu tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b'diversi sentenzi mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba jekk issib lill-imputat hati tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 u dan ghas-sigurta' ta' Michael u Anna Briffa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Novembru, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 284, 285, 339 (b), 339 (e), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 sabet lill-imputat Joseph Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u ikkundannatu ghal tliet (3) xhur prigunerija u multa ta' mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Zahra minnu pprezentat fl-27 ta' Novembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha tirrevoka s-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit LLD, nhar it-12 ta' Novembru, 2019, billi thassar, tirrevoka u tannulla is-sentenza u konsegwentament tillibera lill-appellant rikorrent minn kull htija u tirrevoka l-pieni hemm inflitti, jew subordinarjament tbiddel il-piena ghal wahda aktar mita u gusta tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok ma ngibietx l-ahjar prova tal-oggetti misruqa. Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha innotat li kien hem punt primarju u cioe 'n-nuqqas ta' stima tal-oggetti misruqa m' ghandiex tippreokkupa l-Qorti stante li l-akkuza numru wiehed hi dik ta' serq semplici.'

   Illi izda kif ormai stabbilit fil-Qrati Krimminali, kien jinhtieg li ssir prova tal-oggett allegat misruq, u tali prova hija ghal kollox karenti minn dawn l-atti, la gew esebiti l-allegati oggetti misruqa, u lanqas xi ritratt li seta' hekk iservi bhala prova kif tirrikjedi l-ligi: kieku l-oggetti allegatament misruqa vera kienu jezistu, dan seta' facilment sar ghaliex skont ix-xhieda tal-parte civile l-oggetti allegatament misruqa waqghu fl-art.

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwardja l-fatt li l-allegazzjoni tal-parte civile ma gietx ppruvata sal-livell rikjest mill-ligi. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tidher li striehet biss fuq il-verzjoni tal-*Parte Civile*, li kienet minn dejjem michuda mill-imputat, u ma ghamlitx analizi tal-fatti kontestati, u cioe li l-*Parte Civile*, huwa fi stat ta' sahha ferm tajba komparat ma dik tal-imputat u ma kienx hem ragunijiet ghajr tad-difiza personali minn dak li l-imputat jindika bhala agressjoni bla raguni tal-*Parte Civile*. Ukoll lanqas kien hem ostakoli sabiex jaslu l-Pulizija u jiehdu kull azzjoni opportuna galadarba l-imputat huwa ferm rikonoxxibli.

   Illi ukoll mix-xhieda mismugha ma jirrizulta ebda theddid, dirett lejn l-*Parte Civile*, ghajr ghall-allegat theddid b' arma li dwar dan ma ingabet ebda prova mill-Pulizija, ghaliex ma nstabitx fuq il-persuna ta' Zahra meta effetivament gie mwaqqaf.

Illi ghaldaqstant galadarba ma hemmx htija fuq l-erba' akkuzi kif dedotti lanqas ma tistax tirrizulta ir-recidiva kif indikat fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti.

3. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent ihoss li l-eta' avvanzata tieghu ma timmeritax l-piena inflitta, u dan billi piena karcerarja effettiva hija ferm kiefra ghal persuna li illum ghandu sitta u hamsin sena skorruti u fi stat ta' sahha debboli.

Rat il-fedina penali tal-akkuzat li fiha 99 faccata mimlija convictions tul medda ta snin u coe mis-sena 1963 meta kellu ghaxar snin ( stante li toweled fis-ena 1953) sas-sena 2016 meta kellu 63 sena fejn hemm divbersi kundanni inkluz diversi sentenzi ta prigunerija.

Rat ukoll is-sentenza markata bhala dok CC2[1] fl-ismijiet **il-Pulizija vs Joseph Zahra[2]** pero f'din is-sentenza ma hemm l-ebda konnotati ta' xejn.

Semghet lill-partijiet jittrattataw il-kawza u dan fis-seduta tat-2 ta Novembru 2020

Ikkunsidrat.

Illi din il-Qorti sejra tittratta ma l-aggravji imresqa mill-appellant billi l-ewwel tara jekk effettivament kienx minnu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti stante li skond l-appellant ma kellhiex ghalfejn temmen lil-*parte civile* u tiskarta il-versjoni tal-fatti kif spejgati mill-appellant. In segwitu sejra tittratta il-kwsitjoni tal-valur tal-oggetti allegatament misruqa u fit-tielet lok jek kil-piena kif moghtija hiex eccessiva jew le in vista tal-fatti kif kompilati.

Ikkunsidrat.

---

[1] Fol. 119

[2] Moghtija nhar is-26 ta Settembru 2008

Dwar il-materja ta' apprezzament tal-fatti jinghad *in primis* li kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti diversament preseduta w anki kif illum preseduta, *"principju fundamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti a' l-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx, legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."* (**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[3] u ohrajn.) Il-Qorti tvarja tali apprezzament jekk tqis li fuq il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti u minnha traskritti ma jkunx "*safe and satisfactory*" li tinstab il-htija addebitata lill-appellanti .

Illi sabiex taghmel dan l-esercizzju hu necessarju li l-Qorti taghmel apprezzament tal-provi akkweziti fil-process.

**PS 329 R. Saliba** spjega [4] li nhar il-Hamis 11 ta' Awwissu, 2016 ghall-habta ta' 10.05 dahlet tigri mara fl-ghassa li dehret ecitata hafna li stqarret li Michael kien mar jigri wara ragel li kien ghadu kif seraqhom mill-garage u li dak il-hin kien qieghed fi Triq Barolomeo, Zurrieq. Huwa mar fuq il-post u sab li kien hemm Joseph Zahra li kien ghadu kemm gie arrestat minn PS 1444 u PC 1472. Spjega li l-pulizija tar- Rapid Intervention Unit kienu gew infurmati mill Control room li kien hemm ragel qed jigri

Michael qallu li sa dak il-hin ma kien jaf b'xejn x' kien gara salv li sema lil martu tghajjat li'hareg ragel' imabghad marru ifittxu dan ir-agel u lenhuh fi Triq Bronja, Anna mart Michael gharfitu u Michael nizel mill-karozza biex ikelmuu staqsih minn fejn kein gab il-basket u ghalfejn kien dahal fl-isqaq u dan qallu li kien dahal fl-isqaq biex jghamel facenda.

F'hin minnhom Michael qallu li qabadlu l-basket u minn gol- basket hareg borza skalora li waqghet ma l-art. Meta ra hekk dan ir-ragel telaq bil-pass mghaggel u telaq il-

---

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-10 ta' Mejju, 2002.

[4] Affidavit mahluf nhar it18 ta' Awwissu, 2016 esebit fl-atti a fol. 3

basket. Mcihael qal li beda isegwih u dan dar lejh u hareg oggett qisha xafra ( madwar erba' pulzieri twila) u qallu li jekk jibqa' jigri warajh jser ser ixoqqu biha.

Michael zamm id-distanza minnu izda kompla isegwih sa ma gew l-pulizija tal- RIU u arrestawh. Il-pulizija marru fir-remissa ma Michael u stabilew li dan ir-ragel kien ha hames pakketti tlieta minnhom ta' skalora wahda minnhom gappanese nullit u packet eurofak li ghandhom valur komplessiv ta' ghaxar euro ( €10.00), radio zghir tad-ditta Sony ta' kulur iswed li jiswa ghaxar euro ( €10.00) u drunker bl-inizjali 'GG'.

Jghid li l-bieb tar-remissa ma kellux sgass ghax il-kwerelant spjega li dan ma jissakkarx u barra minn hekk ir-remissa ghandha bieb iehor li jkun dejjem miftuh.

L-Ispettur J Fenech gie infurmat bil-kaz u l-appellant gie mitkellem mix-xhud. Qal li tah id-drittijiet kollha tieghu pero l-appellant ma riedx jezercita id-drittijiet legali tieghu. Dan qallu li kien miexi fit triq u maret fuqu mara u qaltlu li kien dahlilha fil-garage. Huwa kompla miexi u l-mara baqghet tiggieled meighu fit-triq. F'hin minnhom qalhom biex ihalluh jimxi u gew tal-pulizija tal- RIU u arrestawh. Qal li kellu xi jghid mar- ragel fit-triq u li anke tah bis- sieq tant li kellu feriti fl-irkoppa tieghu u li kien ser igib certifiakt mediku ghax weggawlu saqajh. Meta l-appellant staqsa x'kien seraq huwa qallu id-drunker u dan qallu li kien tieghu u meta staqsih ghaliex kellu l-inizjali 'GG' dan wiegbu li fil-fatt kien qala daqqiet bih minghand il-kwerelanta.

**In kontro esami** xehed[5] u kkonferma li dak inhar tal-incidet fil-11 ta Awwissu 2016 wara li huwa qallu li kien ser iresqu l-Qorti fuq ir-rapport tal-konjugi Briffa l-appellant allega li Michael Briffa kien sawtu u kkagunalu feriti u talbu ghal certifikat mediku pero dan qatt ma inghata lilu. Mistoqsi jekk kienx ra xi feriti vizibilment jghid li ma jiftakarx. Qal li l-kwerelanti haduh ir-rotta kollha li kien ghamel l-appellant. Qal li kien ra il filmat mehud minn CCTV camera fl-ekwati u minnha gibed zewg ritratti permezz tal-

[5] Seduta tat-23 ta Mejju 2017 fol. 127

mobile tieghu u esebihom bhala dok RS 1[6]. Qal li l-appellant qatt ma talbu biex jiehu passi fil-konfront tal-kwerelanti fuq xi fastidju. Ikkonferma li mit-triq kien gabar il-basket li kien fih l-oggetti li kienu irraportaw l-kwerelanti li sabu nieqsa mill-garaxx taghhom

**Anna Briffa** xehdet[7] u qalet li nhar il-11 ta' Awwissu, 2016, ghall-habta tad-9.30p.m ittawlet minn got-tieqa u rat ragel diehel fid-drive in li huma jghajtulu 'garaxx' Bejna u bejn ruha qalet min dahal hemm izda ma tatx kaz u qadet fit-tieqa biex tara jekk regax hareg. Ratu hiereg u qaltlu 'Oj Oj hemmhekk xi dhalt taghmel?' Dan wegibha 'xejn' stqar li mar jaghmel facenda. Staqsietu x'kellu fil-basket qallha 'xejn xejn' u baqa' sejjer Hija nizlet it-tarag ghajtet lir-ragel ghaliex ma kien jaf b'xejn li kienet qadet fit-tieqa. Harget tigri wara din il-persuna u laqtitu qisu f'nofs it-triq taghhom u qaltlu' x'ghandek fil-basket?' Qaltlu li xi haga kellu fil-basket u ridet tara x'kien hemm u dan qallha li kellu mus u li ixoqqha bih u meta qallha hekk resqet lura ghax anke meta tiftakar tibda titrieghed. Dan baqa' meixi u baghet mixja warajh u dan dar lejn Tirq Bronja u marret tigri lura id-dar u qalet lir-ragel taghha u sabitu fid-drive in. Qaltlu x'kien gara sabiex jidhol fil-karozza biex ifittxuh.

Appena daru it-triq rawh fit-triq u hija qalet lir-ragel taghha li dak kien ir-ragel u f'idu kellu basket u zewgha staqsih x'kellu fil-basket izda dan ir-ragel ma riedx jurih Zewgha hataflu l-basket u x'hin hatafulu waqghet l-iskalora li kien ha minghandhom u baqghu jimxu warajh u qalilhom li kien ser ixoqqhom bil-mus u huma imxew warajh. Mistoqsi jekk ratx il-mus tghid li haregulhom mat-triq. Fit-triq qallhom kemm il-darba li kien ser ixoqqhom bil-mus u bdiet tghajjat cemplu lill-pulizija u ftit wara waslu l-pulizija.

[6] Fol. 150

[7] Seduta tal-31 ta Jannar 2017 fol. 10

Tghid li kienet thares mit-tieqa ta' sikwit ghaliex fil-passat kienu anke serqulhom l-ghasafar fi tlett okkazjonijiet ughalhekk diehla u hierga minn dan il-garaxx . F'dan l-isqaq jidhlu huma u xi familjari ghaliex huwa ta' l-ahwa.

**Michael Briffa** ukoll xehed[8] u spjega li nhar il-11 ta' Awwissu, 2016 kien id-dar fi Triq San Martin, Zurrieq qed jitkellem ma bintu fuq it-telefon ghall-habta tad-9.30p.mu hin minnhom sema lil martu tghajjatlu. Meta spicca jitkellem ma bintu hareg lejn il-bieb ta' barra biex jara x'kien gara u sab il-bieb ta' barra miftuh u martu ma tidher imkien. Rega dahal bit-torch fid-drive in biex jara jekk kienitx hemm. Qal li meta hareg mid-drive in u mar fit-tarf kien hemm martu u qaltu 'igri igri 'ghax kien dahal ragel fid-drive in u hareg bi basket minn gewwa.

Rikbu fil-karozza u marru ifittxuh. Fil-hin martu rat lil dan ir-ragel u hu hareg jigri u staqsih x'kellu fil-basket u dan wiegbu li ma kellu xejn. Hataflu l-basket u appena ghamel hekk bdiet niezla z-zerriegha Fetah il-basket u sab affarijiet ohra fosthom radio. Mar hdejh biex jahtfu biex izommu sakemm tasal il-pulizija izda dan qallu jekk jersaq hdejh kien ser ixoqqu u jaf li f'idu kellu xafra.. Qal li l-mus rah twil daqs saba' u x aktarx kien tal- ghamla Opinel .

Meta martu rat hekk bdiet izzommu lura izda hu ried jerga imur ghalih u kul darba jghidlu biex izomm lura ghax ixoqqu. Daru xi seba' toroq u meta daru l- kantuniera f'hin minnhom ma rawhi zda wara indunaw li kien stahba wara van taht ir -rear axle mixhut taht il-van. X'hin rahom rega hareg izda ma regax hareg il-mus. Wara xi ghoxrin minuta waslu l-pulizija u gabruh.

Mistoqsi jekk jgharafx lil dan ir-ragel stqarr li huwa l-appellant. Mistoqsi x'kien hemm fil-basket jghid li kien hemm tlieta jew erbgha kwalita ta' zrieragh u dawn kienu fuq sellum fil-garaxx u radio . Qal li r-radio hu tieghu u kien ipoggih hdejn l-ghasafar biex ikollhom hoss.

---

[8] Seduta ta nhar il-31 ta Jannar 2017 fol. 14

**PC 1472 Brian Grech** xehed[9] qal li dakinhar tal-11 ta' Awwissu, 2016 kien ghaddej patrol u huma dehlin lejn iz-Zurrieq iltaqghu ma l-appellant li kien qed jigri. Waqfuh u ghamlulu search u fuqu sabu li kellu *torch light* u xi haga tal-ghasafar li jixorbu minnha, speci ta' brid feeder.Qal li kellhom rapport li l-appellant kien ghadu kemm seraq serqa. Qal li ftit wara waslu l- kwerlanti u qalulu li l-appellant kien ghadu kemm seraq minghandhom. Ikkonferma li qalulu li kien hedddhom b'mus pero mus fuq persuntu ma sabux.

**Jason Azzopardi** xehed[10] u spjega li kien mar ghandu pulizija u talbu jara filmat. Dan urih ic- CCTV camera li kellu u urih il-filmat u quddiemu l-pulizija ha xi ritratt. Muri id-dokument RS jghid li it-triq fir-ritratti hija it-triq tieghu pero lin-nies li hemm fir-ritratti ma jafhomx.

L-appellant **Joseph Zahra** xehed[11] minn jeddu u b'mod volontarju nhar it-28 ta' Novembru, 2017 . Qal li huwa johrog ta' kuljum ghax ghandu id-dijabete. Qal li fl-ebda hin ma ta fastidju li xi ragel izda kienet mara li tatu fastidju . Qal li hu kien ghaddej ghall-affari tieghu. Cahad li hadlu xi skalora jew xi haga ohra. Pero stqarr li jekk l-kwerelant lest li jahfirlu u lest li jahfer lill-kwerelant. Qal li l-kwerelant qad isegwih f'hafna toroq huwa hu mixi sakemm waslu l-pulizija . Qal li kien hemm l-Ispettura u qatlu biex jikkopera maghha . Hwa kkopera maghha u fil-fatt qal kien qed jipprezenta l-ircevuta ta' l-iskalora . Fil-fatt ipprezenta ricevuti kemm ta 'qabel u ta' wara ta' xiri ta' skalora. Fil-fatt jghid li lanqas radio ma hadlu ma hadlu xejn Jghid li kien l-kwerelant li hareg ghalih bil-basket mill-karozza . Qal li l-bieqja giet lejh u gabarha Fuqu persunt ma sabulu xejn lanqas mwies. Qal li huwa jghaddi minn Triq San Martin kuljum ghax ghandu xi postijiet u lill-kwerelant jafu ghaliex kien pulizija . Qal li meta avvicinah l-kwerelant f'idejh ma kellu xejn . Qal li jaf li ghandhom grada u li din ihalluha miftuha u

[9] Seduta tat-23 ta Mejju 2017 fol. 151

[10] Seduta tat-23 ta' Mejju, 2017 fol. 157

[11] Seduta tat-28 ta' Novembru, 2017 fol. 164

minn go fiha tidhol ghal hdejn graxx izda hu ma dahalx fih fl-edba hin. Huwa pprezenta ricevuti ta' l-iskalora tax- xhur ta' April 2016, Awwissu 2016 u Settembru 2016 li jinsabu markati go envelop kannella bhala dok JZ1[12].

Illi ghalhekk a bazi ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu.

Mill-provi prodotti jidher li hemm zewg versjonijiet tal-fatti dik esposta mill-kwerelanti li l-appellant dahal ghandhom fil-garaxx taghhom u seraq xi skalora b'valur ta' ghaxar euro ( €10,00) , bird feeder u radio u dik esposta mill-appellant li ighid li hu kien mixi ghall-affarijiet tieghu meta l-kwerelanti bdiet timxi warajh u ittih fastidju. Jghid ukoll li hebbew ghaih u kkagunawlu feriti pero certifikat mediku minkejja li gi msitoqsi biex jipprezenta baqa'ma ipprezentax.

Ghalhekk din hija kwistjoni ta' kredibilta t' xhieda. Din il-Qorti ma tistax tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fir -rigward ta'aprezzament tal-provi salv jekk tali apprezzament sar b'mod manifest zbaljat. L-ewwel Qorti dehrilha li l-versjonimoghtija mill-kwerealnti kient aktar kredibbli minn dik mogtija mill-appellant u dwar dan din il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tvarja dan it-twemmin. Hi ukol ltaqbel ma l-ewel Qorti li l-parte civile dehru aktar kredibbli f'dak li qalu u dan ghaleix sa certu punt u ukoll konermat mill-appelalnt. Il-kwerelanti jghidu li segwew lill-appellant f'diversi toroq u dan l-appellant jammettih. Il-kwerelanti tghid li kienet hi li bdiet tigri warajh izda wara marret tigbor ir- ragel u marru warajh it-tnejn. L-appellant dan ukoll jaccettah u fil-fatt jghid li ghall-ewwel kienet il-mara li bdiet ittih fastidju u wara kien hemm ir-ragel ukoll . Jammetti li fuq persuntu kellu bird feeder ghalkemmm jghid li din waqghet mill-borza li kellu l-kwerelant u hu gabarha. Jghid li l-kwerelant hareg mill-karozza bil-borza f'idu u minnha waqghet l-iskalora izda hu fl-ebda hin ma zamm l-iskalora f'idu. Dwar din it-tezi l-ewwel Qorti ghandha id-dubbji taghha u din il-Qorti ukoll. Jirrizultaukoll li l-

---

[12] Fol. 169

appellant fix-xhieda teighujghid li jekkil-kwerealntijafrulu huwa lest li jahfrilhom ukoll li huwa indikttiva li fil-fatt hu stess kien ghamel xi haga.

L-kwerelanti tghid li ma kienitx izomm ix- xatba maghluqa li tinfed ghall- garaxx u l-appellanti jghid l-istess u dan jafu ghaliex jghid li jghaddi minn quddiemhom kuljum.

L-kwerelanti Anna Briffa kienet cara fix-xhieda taghha u tghid li rat lill-appellanti hiereg mill-proprejta taghha u bdiet tghajjat minnufih u tipprova twaqfu izda dan ma waqafx u baqa' ghaddej tant li kellha tkun il-pulizija tal- RIU li waqfitu ftit il-fuq minn fejn jghixu. Kieku ma kellux faham miblul zgur li kien jieqaf u mhux jibqa' miexi minkejja li kellu saqajgh jugawh u jimxi bil-bastun kif stqarr hu stss. Dwar l-ewwel akkuza ghalhekk din il-Qorti bhal ewwel Qorti isisb lill-appellant hati.

Illi ghar-rigward l-ewwel aggravju u cioe li l-valur tal-oggett misruq ma giex provat, l-pozizzjoni legali kif kristallizzata fil-gurisprudenza hija s-segwenti :- L-**artikolu 650 (1)** tal-Kodici Kriminali jiddisponi li fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' haga tkun tinhtieg sengha specjali, ghandha tigi ordnata perizja w l-periti jigu maghzulin mill-Qorti (Art. 650(2).)

Pero', kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar**[13], *meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali"*. Dan ukoll ghaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati.(ara ukoll "**Il-Pulizija vs. Lorita Pace**[14]".)

---

13 Deciz nhar it-23 ta Settembru, 2005

14 Deciz nhar is-7 ta Dicembru 2006

F'dan ir-rigward l-appellant jghid li qatt ma setgha jinsab hati u dan ghaliex ma hemmx prova dwar il-valur tas-serqa. Jinghad li ghar-reat ta' serq semplici l-prosekuzzjoni m' ghandhiex ghalfejn tipprova il-quantum purche tkun soisfatta li l-valur ma jeccedix mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa udisgħin ċenteżmu (232.94). Ma hux necessarju li l-prosekuzzjoni tipprova l-valur bl-ezatt. Fil-fatt f'dan il-kaz is-serq huwa wiehed semplici pero ma hemmx prova dwar il-valur tas-serqa salv li skond il kwerelanti l-iskalora kellha valur ta' ghaxar euro. Dwar ir- radio ma hemmx valur ghalkemm jirizulta li huwa wiehed zghir u jinzamm fil-garaxx. Lanqas ma hemm prova dwar l-oggett materjali ghaliex dan qatt ma gie esebit fl-atti u lanqas ritratti tal-oggetti ma gew esebiti u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-proviso tal-artikolu 285 tal- kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti;

> "*Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minntlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur*". Ghalhekk din il-Qorti sejra tapplika din il-piena f'dan il-kaz.

Dwar it-tieni akkuza u cioe li huwa ingurja u hedded lill-kwerelanti din ukoll tirrizulta provata ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tant li iz-zewg kwerelanti ighidu li l-appellant qallhom li kien lest ixoqqhom b'mus jekk jersqu lejhom. Anna Briffa tghid li dan id-diskors sar diversi drabi minghand l-appellant u zewgha Michael jikkonfermah u ghalhekk din l-akkuza hi ukoll provata.

Dwar it-tielet akkuza u cioe li huwa minghajr ma dorob jew sawwat hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra ibsin jew waddabhom jew jaqbad armi kontra Michael Briffa. Jinghad li skond dak ma qal is-surgent 320 Saliba huma ma sabu l-ebda mus fuq persuntu u ghalhekk hemm dubbju jekk verament kellux mus fuq il-persuna tieghu. Il-Qorti rat li l-pulizija waqfet lill-appellant *a termpo vergine* li kien qed jigi segwit u fl-ebda hin ma Anna jew Michael Briffa ma jghidu li raw lill-appellant jarmi xi arma u ghalhekk

stante li hemm dan id-dubbju li ghandu imur favur l-appellant din il-Qorti ma hiex ser issib lill-appellant hati ta' din l-akkuza.

Dwar ir-raba akkuza jinghad ukoll fl-ewwel lok li ma gie imharrek l-ebda rappresentant tal- kummissarju tal-pulizja biex jghid jekk l-appellant kellux permess biex igorr stument li jaqta' u bil-ponta pero anke kieku tressaq din il-Qorti ma hiex sodisfatta li verament l-appellant kellu mus fidejgh stante meta il-pulzija ghamlu tifittxija fuq persuntu ma instab l-ebda mus. Ghalhekk din ir-raba akkuza ma tirrizultax provata b'mod sodisfacenti.

Dwar il-hames akkuza jirrizulta li hemm esebit fl-atti sentenza moghtija minn din il-Qorit diversament preseduta datata nhar is-26 ta Settembru 2008 pero f'din is-esntenza ma hemmx konnotatti tal-akkzuat li instab hati. Huwa veru li isem tal-appellant odjern huwa l-istes bhal dak li jidher fuq is-sentena izda dan mhux bizzejjed sabiex jigi stabilit l-imputazzjoni ta' recidiva. L-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud sabiex jikkonferma l-identita tal-appellant odjern hi l-istess bhal dik fis-sentenza li inghatat u esebita fl-atti. Ghalehkk din il-hames imputazzjoni ma tirrizultax.

Dwar l-aggravju tal-piena jinghad is-segwenti, kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallet) vs John Gauci**[15], "*li mhux normali Ii din il-Qorti tal-Appell Ii tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri taI-ligi w ma tkunx manifestament eċċessiva'*. Dan għax, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) . "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[16]":- "I*l-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata milI-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti għas-sentenza tal-Ewwel*

---

[15] Appell kriminali deciz fis-26 ta Marzu, 2009

[16] Appell kriminali deciz fis-26 ta' Frar 2009

*Oorti) Ii jkun jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena*. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta 'Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[17]"

Illi stante li din il-Qorti kuntrarjament ghall-ewwel Qorti qed issib lill-appellant hati tal-ewwel zewg akkuzi biss ser ikun hemm temperament fil-piena.

Il-Qorti ghalhekk qed tikkonfemra dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel zewg akkuzi u stante li qed issib lill-appellant hati ta inqas akkuzai mili sabitu l-ewwel Qorti ser ikun hemm temperament fil-piena. Il-Qorti rat il-fedina penali refrettarja tal-appellant u in vista ta l-istess qed tikkundannah ghal sitt gimghat prigunerija u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni u tilddikjara li mhux hati taghhom u tilliberah minnhom.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

17 Appell Superjuri kriminali deciz fl-20 ta Marzu 2009